MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1976/2003

**Personal Security Services Limited**

**Vs**

**Darren Rodenas**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm676.80c) rapprezentanti danni nkorsi mis-socjeta` attrici naxxenti minn misapproprijazzjoni jew negligenza grossolana tal-konvenut waqt li kien fl-impjieg tas-socjeta` attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati lkoll fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li kien hemm misapproprijazzjoni jew negligenza da parti

tal-konvenut izda l-konvenut segwa biss l-istruzzjonijiet moghtija lilu fuq il-post tax-xoghol. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa esagerat.

Sema` x-xhieda ta` Kevin Tonna, Claudio Spiteri, Alan Ciangura, Edwin Mallia, Stephen Camilleri, Ian Decesare u ta` Darren Rodenas.

Ra l-Affidavits ta` Claudio Spiteri, Darren Rodenas u ta` Mark Sammut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta` attrici giet inkarigata sabiex tiehu hsieb l-operazzjoni ta` car park fl-Eden Leisure Centre f'Paceville u li Darren Rodenas kien wiehed mis-security guards li xoghlu kien li joqghod fil-gate tal-car park u jiehu hsieb l-operazzjoni ta` l-istess gate waqt li kien duty. Dak iz-zmien il-lukanda ma kienetx ghadha lesta u kien hemm hafna xoghol ghadu ghaddej u apparti li kienu jigu nies li juzaw il-car park, kien hemm anki nies li kienu ngaggati fix-xoghol, bhall-periti u kuntratturi.

Apparti dan kien hemm nies li kienu jaghmlu d-deliveries. Dawn in-nies ma kienux obbligati li jhallsu. Darren Rodenas inghata lista ta` nies bin-number plates tal-vetturi li kienu awtorizzati jidhlu minghajr hlas u mbaghad, jekk kien hemm xi persuni qeghdin jaghmlu deliveries li ma kienux fuq din il-lista kien ihallihom jidhlu xorta minghajr hlas izda jnizzel in-notamenti taghhom fuq log book appozitu.
Irrizulta illi wara certu zmien l-Eden Leisure Group indunat li kien hemm diskrepanza bejn l-*income* u n-numru ta` okkazjonijiet li kienet tinfetah il-*barrier gate* sabiex johorgu vetturi ghalhekk iddebitat lis-socjeta` attrici b'din id-diskrepanza li dehrilhom li ma kienetx gustifikata.

Da parti taghha s-socjeta` attrici kecciet kwazi lis-security guards kollha u lil Darren Rodenas zammitu izda mbaghad wara qisu xahar minn dan l-incident Darren Rodenas telaq minn jeddu ghaliex kienu zammewlu l-paga. Is-socjeta` attrici qeghda tghid li fil-fatt il-konvenut tkecca u a fol 179 tal-process hemm il-formola ta` temm ta` mpjieg li mliet is-socjeta` attrici fejn hemm indikat li l-konvenut tkecca b'dixxiplina – negligenza massiva, izda fil-fatt it-Tribunal qieghed jinnota li dan id-dokument m'huwiex iffirmat mill-konvenut u inoltre, s-supervisor tal-konvenut, Stephen Camilleri, kkonferma dak li qal l-istess konvenut li fil-fatt kien il-konvenut li telaq minn jeddu meta huwa xeba` jahdem hemmhekk u *the last straw* kienet meta mar jigbor il-paga u rrifjutaw li jaghtuhielu.

Il-vertenza proprja f'din il-kawza hija jekk verament kienx hemm misapproprijazzjoni jew negligenza da parti tal-konvenut.

A fol 225 u 226 tal-process hemm spreadsheet li fuqha qeghdin jibbazaw it-tezi taghhom l-atturi u fuq din l-ispreadsheet hemm in-numru ta` okkazjonijiet li nfethet il-gate tal-car park u li dwaru s-socjeta` attrici qed tikkontendi li ma kienx hemm ko-rispettiv jew notament fil-log book. Jekk wiehed jghodd l-ammonti addebitati fil-konfront tal-konvenut dawn igibu total ta` seba` mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm752) li huwa ftit aktar minn dak mitlub fit-talba attrici.
It-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm zmien li kien qed jigi operat il-car park meta kien hemm konfuzjoni shiha. M'hemmx provi cari bizzejjed li jwasslu lil dan it-Tribunal li jikkkonkludi b'mod seren u b'konvinzjoni li l-konvenut misapproprija jew kien negligenti fix-xoghol tieghu.

Il-konvenut xehed, u t-Tribunal jemmen li hekk kienu l-affarijiet, illi hu ma tantx inghata training u fil-fatt l-instructions li nghata kienu illi meta jkun hemm <u>deliveries</u> u dawn ma jkunux fuq l-imsemmija lista, dawn id-deliveries jitnizzlu fuq il-log book u meta jkun hemm <u>nies li jkunu fuq il-lista</u> li nghatat lilu, dawn jidhlu minghajr l-ebda logging ta` xejn billi semplicement kemm jiftah u jaghlaq il-

gate. Inoltre l-periti u kuntratturi kieni wkoll jidhlu b'xejn u minghajr m'isimhom jitnizzel fuq il-log book.

Is-socjeta` attrici qed tikkontendi li anki n-nies li kienu fuq din il-lista wkoll tnizzlu fuq il-log book izda jidher car illi hemm differenza bejn dak li kienet qed tahseb is-socjeta` attrici u l-instructions li attwalment inghataw lill-konvenut.

Inoltre, huwa relevanti hafna l-fatt illi meta qamet il-kwistjoni f'Marzu 2003, keccew kwantita` ta` security guards izda l-konvenut baqa` jahdem hemmhekk u dan jindika li sa dak il-mument is-socjeta` attrici li suppost kienet gja` ghamlet il-homework taghha billi hadet il-pass straordinarja li kecciet kwazi s-security guards kollha, ma kellha l-ebda suspett jew prova fil-konfront tal-konvenut ghaliex kieku kienet tkecci lilu wkoll dak il-hin.

Il-konvenut m'huwiex qieghed jichad li huwa kien jaghfas il-buttuna F1 fuq il-computer biex jinfetah il-barrier gate minghajr ma jillogja lill-persuna koncernata izda qieghed jghid illi huwa ghamel hekk ghax hekk kienu l-instructions li nghataw lilu.

Biex tirrizulta misapproprijazzjoni ghandu jkun hemm prova li kien hemm xi beneficcju nkassat min-naha tal-konvenut izda din il-prova assolutament ma tezistix. Ma ngabet l-ebda prova li f'xi hin jew xi mument il-konvenut dahhal xi flus fil-but jew irreka xi vantagg ghalih innifsu.

Illi fir-rigward ta` l-allegata negligenza, biex din tirrizulta s-socjeta` attrici ghandha ggib provi cari u minghajr ekwivoku li l-konvenut inghata struzzjonijiet u li hu ma zammx ma` dawn l-istruzzjonijiet u dan b'mod konsistenti, jigifieri wara li nghataw certu warnings, etc.

Fil-kaz odjern is-socjeta` attrici ma gabitx prova x'kienu l-instructions precizi li nghataw lill-konvenut u kien biss min-naha tal-konvenut li stajna nkunu nafu ezatt x'kienu l-instructions li nghataw lilu u fil-fatt it-Tribunal jemmen li l-konvenut mexa abbazi ta` l-instructions li huwa fehem dwar kif ghandha tahdem is-sistema.

Hija qajla kredibbli illi f'temp ta` xahrejn / tlett xhur, il-konvenut ikun qed ihaddem is-sistema kif kien qed ihaddimha bid-diskrepanzi li huma ndikati fuq il-prospett fuq imsemmi u hadd ma jaghmel xejn qisu xejn m'hu xejn. Kieku verament l-affarijiet kienu qeghdin jittiehdu bis-serjeta`, din il-problema kienet tigi *picked up* mill-ewwel, is-socjeta` attrici kienet tkun f'pozizzjoni biex tara ezattament x'gara u x'ma garax u forsi tispjega ezatt x'riedet mill-impjegati taghha, imbaghad minn hemm, jekk jirrepeti ruhu l-izball wiehed jista` jghid li kien ikun hemm negligenza.
Fil-kaz odjern, il-konvenut dejjem hadem bl-istess mod u bl-istess sistema u hadd ma kkoregih sakemm spicca biex telaq minn jeddu minn fuq ix-xoghol u ghalhekk lit-Tribunal ma jidhirlux li tirrizulta l-prova ta` negligenza.

Inoltre, t-Tribunal huwa konvint ukoll illi f'dawk iz-zminijiet kien hemm hafna konfuzjoni fis-sistema:

- il-barrier ma kienx qed jahdem b'mod sodisfacenti u kienu jinqalghu diversi problemi;
- meta l-impjegati jilmentaw dwar hsara fis-sistema kien ikun hemm tgergir minn dawk li riedu jsewwu din il-hsara;
- il-managers tal-lukanda mhux dejjem kienu facilment accessibbli ghas-security guards meta tinqala` problema;
- kien hemm kwantita` kbira ta` deliveries ghal-lukanda li kienet appik li tiftah u fl-istess hin kien hemm kostruzzjoni ghaddejja fi bnadi ohra ta` l-istess sit u ghalhekk kien hemm anki kuntratturi u periti dehlin u hergin.

Ma` dan wiehed ma jridx jinsa` wkoll illi jekk tinqala` problema fil-gate, din trid tigi rizolta malajr kemm jista` jkun billi t-triq fejn qeghda l-car park hija triq traffikuza specjalment fil-weekends u ghalhekk problema trid tigi rizolta malajr kemm jista` jkun u jkun hemm sitwazzjoni fejn dewmien ta` ftit sekondi jista` johloq pandemonju shih fit-traffiku u ghalhekk hafna drabi s-security guard, rinfaccat bi problema fil-gate irid jiehu decizjoni minghajr biss ma jkollu opportunita` li jikkonsulta ruhu.

Finalment it-Tribunal jaghmel kumment ahhari, fis-sens illi jirrizulta pruvat ukoll illi l-konvenut ma kienx ikun wahdu fil-post tax-xoghol u hafna drabi kien ikun hemm Stephen Camilleri mieghu, u huwa relevanti l-fatt illi l-istess Stephen Camilleri baqa` fl-impjieg u ma ttiehdu l-ebda proceduri dixxiplinarji fil-konfront tieghu meta dan l-istess Stephen Camilleri kien is-supervisor tal-konvenut. Huwa kien jara l-konvenut jahdem u jekk innota li l-konvenut qed jahdem b'mod hazin jew qed jaghmel xi haga hazina, kien fl-obbligu tieghu li jindirizza din il-problema minnufih u mhux ikompli jhalliha ghaddejja. Huwa facilment seta` jara kif il-konvenut kien qed jopera s-sistema ta` logging o meno u ghalhekk kien il-kompitu tieghu li, jekk is-socjeta` attrici verament riedet li ssir sistema kif spjegat waqt dawn il-proceduri, li dan Camilleri jassigura li Rodenas qed jahdem b'dan il-mod. Il-fatt li m'ghamilx dan jaghti aktar kredibilita lill-konvenut.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti t-Tribunal huwa konvint li ma tirrizultax il-provi la ta` misapproprijazzjoni u lanqas ta` negligenza da parti tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------